# Żewġ Statwi ta' Santa Marija f'Għawdex



kitba ta' Mario FENECH

Fil-Gżira Għawdxija ħafna kienu dawk il-knejjes li għal bidu li kienu nbnew kienu ġew iddedikati lill-Assunta. Dan il-fatt seħħ minħabba diversi raġunijiet, fosthom għax dak iż-żmien ftit kienu jkun hawn tagħrif dwar Qaddisin oħrajn, il-popolazzjoni kienet waħda żgħira, kienet tinġabar fil-għaxija għalkemm il-ġewwa mis-swar taċ-Ċittadella u fuq kollox, għax id-devozzjoni lejn il-Madonna minn dejjem kienet waħda qawwija fost il-poplu Malti u Għawdxi. Kien hemm żmien fejn fost in-numru ta' kappelli li kien hemm imxerrdin f'Għawdex, tnejn u għoxrin minnhom kienu ddedikati lill-Assunta.

Maż-żmien uħud minn dawn il-knejjes ġew iddedikati lil xi Qaddis jew Qaddisa oħra, u xi oħrajn baqgħu ddedikati lill-Madonna, iżda b'titli oħrajn bħal dak ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, tal-Karmnu, tal-Grazzja, tas-Sokkors, tal-Viżitazzjoni, tat-Twelid tal-Madonna, il-Madonna ta' Loreto, fost oħrajn.

Tnejn mill-knejjes ewlenin baqgħu taħt il-ħarsien ta' l-Assunta. Dawn huma l-Parroċċa tal-Katidral tal-Belt Victoria u l-Knisja Arċipretali ta' Santa Marija fir-raħal taż-Żebbuġ. Dawn iż-żewġ Tempji Marjani huma xhieda qawwija u soda ta' kemm in-nies tal-post għandhom għal qalbhom lil Marija Assunta. Il-festi kbar li jsiru fil-Belt Victoria fejn fihom jipparteċipaw eluf ta' nies, u dan għaliex tradizzjonalment għal din il-festa, ħadd ma jibqa' lura biex jagħti s-sehem tiegħu biex din tirnexxi. Filwaqt li fir-raħal taż-Żebbuġ, il-knisja hija waħda Arċipretali u Santwarju bil-Kwadru Titulari jkun inkurunat solennement. Fil-festi li jsiru f'dawn il-knejjes jintużaw żewġ statwi li nġiebu waħda minn Ruma u l-oħra minn Franza.

## l-Istatwa tar-Raħal taż-Żebbuġ

L-ewwel statwa li kienet waslet f'Għawdex kienet dik tar-raħal taż-Żebbuġ u kien ħadem ħafna għaliha l-Kappillan Dun Ġwann Camilleri. Dan kien sar jaf bil-fabbrika li kienet tagħmel l-istwatwi bl-isem ta' '*Gallard et Fils*' ta' Marsilja mingħand xi emigranti Għawdxin li kienu marru jgħixu Franza.

L-istatwa waslet fir-raħal ftit żmien wara ċ-ċerimonja tal-Pussess tal-Parroċċa mill-Kappillan Dun Ġwann Camilleri. Ċerimonja li saret fit-8 ta' Marzu 1863, meta l-knisja kienet ilha parroċċa mill-1688, jiġifieri 175 sena wara. Mal-wasla tagħha f'Għawdex, l-istatwa mill-ewwel laqtet l-għajn u ma għaddiex wisq żmien li parroċċi oħra ordnaw l-istatwa titulari tagħhom mingħand l-istess Ditta *Gallard et Fils*.

L-istatwa hija waħda sabiħa bil-figura tal-Madonna tidher tielgħa lejn is-sema b'żewġ anġli ħelwin mal-ġnub tagħHa filwaqt li anġli oħrajn żgħar jidhru mas-sħab ta' taħt ir-riġlejn l-Assunta. Kien hemm żmien meta whud mill-kaċċaturi tar-raħal kienu jistennew f'tarf il-Pjazza nhar il-Festa, biex meta l-istatwa tkun waslet biex tidħol lura l-knisja, huma jisparaw salut permezz tas-snieter tagħhom!

## L-Istatwa tal-Katidral

L-istatwa Titulari tal-Katidral għandha storja partikolari. Dan għaliex mhux minn dejjem kienet meqjuma fil-Katidral. Għall-ewwel kienet tinżamm fil-Każin tal-Banda Leone tal-Belt Victoria li sa mis-sena 1896 kien ilu jorganizza l-Festa ta' l-Assunta u jagħmel dimostrazzjoni b'din l-istatwa li kienet inġiebet Għawdex mill-istess Soċjetà Filarmonika



*L-istatwa ta' l-Assunta tar-raħal taż-Żebbuġ maħduma mid-ditta Franċiża Gallard et Fils' ta' Marsilja fl-1863.*

Leone bil-hidma ta' l-Imhallef Ġużè Cremona fl-1897. Inhadmet mid-Ditta Francesco Rosa ta' Ruma, u thallset min-nies u numru ta' qassisin.

Waslet fix-xahar ta' Lulju u tbierket mill-Isqof nhar l-14 t'Awwissu ta' l-istess sena. Fil-festa ta' Santa Marija l-istatwa kienet tintrama fuq pedestall kbir fil-Pjazza tat-Tokk. Damet tintrama b'dan il-mod sa l-1955, meta mbagħad is-Soċjetà Filarmonika Leone għaddiet din l-istatwa lill-Katidral biex tkun tista' titgawda mill-poplu matul is-sena kollha. Daħlet fil-Katidral nhar id-29 t'April 1956 u ħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba nhar il-15 t'Awwissu tas-sena 1956.

L-istatwa ġiet iddekorata b'ħaġar prezzjuż bi stellarju u ornamenti oħrajn, u fl-1962 sarilha pedestall tal-fidda maħdum fuq id-disinn tal-Professur Samuel Bugeja. L-istatwa ta' l-Assunta hija waħda movimentata fejn il-Madonna narawha b'idejha t-tnejn merfugħin 'il fuq b'ħarsa mimlija ħlewwa fuq wiċċHa. Żewġ anġli żgħar jidhru ma' riġlejn il-Madonna filwaqt li jispikka ħafna mix-xogħol tal-panneġġi fl-ilbies iddekorat tagħHa. Ta' min jgħid li mbagħad aktar tard is-Soċjetà Filarmonika Leone ħadet ħsieb tagħmel statwa oħra bħal dik li għaddiet lill-Katidral, biex din tintuża waqt id-dimostrazzjoni tal-festa. Din l-istatwa tinżamm f'niċċa f'post prominenti fis-Sede tas-Soċjetà matul is-sena.

Dawn iż-żewġ statwi ta' Marija Assunta huma eżempju prattiku ta' kif il-poplu Malti u Għawdxi juri l-imħabba tiegħu meta jkun qiegħed jagħti ġieħ lill-Omm u Patruna tal-Gżejjer tal-Maltin u l-Għawdxin kollha - Santa Marija.



*L-istatwa ta' Santa Marija tal-Katidral t'Għawdex maħduma mid-ditta Taljana Francesco Rosa ta' Ruma fl-1897.*

